**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1324/2013**

**tal-11 ta’ Diċembru 2013**

**li jistipula perċentwali ta’ aċċettazzjoni għall-ħruġ ta’ liċenzji tal-esportazzjoni li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor ’il barra mill-kwota**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta’ Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f’dak li għandu x’jaqsam mal-kummerċ ma’ pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 7e 9(1)(b) flimkien mal-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 61, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iz-zokkor prodott matul is-sena tas-suq u li jaqbeż il-kwota msemmija fl-Artikolu 56 ta’ dak ir-Regolament jista’ jiġi esportat biss fil-limitu kwantitattiv stipulat mill-Kummisjoni.

(2) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 476/2013 tat-23 ta’ Mejju 2013 li jistipula l-limitu kwantitattiv tal-esportazzjoni taz-zokkor u l-isoglukożju ’l barra mill-kwota sa tmiem is-sena tas-suq 2013/2014 ([3]) jistipula l-limiti msemmija hawn fuq.

(3) Il-kwantitajiet ta’ zokkor koperti minn applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni jaqbżu l-limitu kwantitattiv iffissat bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 476/2013. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit perċentwal ta’ aċċettazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet mit-2 sas-6 ta’ Diċembru 2013 Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni għaz-zokkor imressqa wara s-6 ta’ Diċembru 2013 għaldaqstant ma għandhiex tintlaqa’, u t-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkun sospiż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor ’il barra mill-kwota li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu mit-2 sas-6 ta’ Diċembru 2013, għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet mitluba, multiplikati b’perċentwali ta’ aċċettazzjoni ta’ 41,718815 %.

2. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor ’il barra mill-kwota li tressqu fid-9, fl-10, fil-11, fit-12 u fit-13 ta’ Diċembru 2013. huma b’dan irrifjutati.

3. It-tressiq ta’ applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor ’il barra mill-kwota għandu jiġi sospiż għall-perjodu bejn is-16 ta’ Diċembru 2013 u t-30 ta’ Settembru 2014.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta’ Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 312M, 22.11.2008, p. 86.
([3]) ĠU L 138, 24.5.2013, p. 5.